# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Avviż Nru: 41/2021 LC

**KONNEKT SEARCH & SELECTION LTD**
(C-41421)

*vs*

**E.M.D.P. LIMITED**
(C-36382)

**Illum, 25 ta' Novembru, 2022**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti Konnekt Search & Selection Ltd datat is-17 ta' Frar 2021 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta E.M.D.P. Limited:

> *tħallasha s-somma ta' €6,796.80 (sitt elef, sebgħa mija u sitta u disgħin Ewro u tmenin ċenteżmu) rappreżentanti ammont lilha dovut għall-servizzi ta' reklutaġġ ta' impjegati lilek reżi u dan jirriżulta mill-istatement anness Dok A.*
>
> *Bl-ispejjeż tal-preżenti, tal-ittra uffiċjali maħruġa skont il-proċedura ta' artikolu 166A tal-Kap. 12, datata 11 ta' Ġunju 2020 u numerata 1066/2020, u bl-imgħax legali b'effett mill-1*

*ta' Ottubru 2019 d-data tal-fattura relattiva kif riżultanti mill-istatement anness Dok A, sal-effettiv pagament kontra s-soċjetà konvenuta li hija minn issa nġunta in subbizzjoni*.

Rat illi s-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata bl-avviż odjern fl-14 ta' April 2021 u ssottomettiet ir-risposta tagħha fit-28 ta' April 2021, fejn eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt;*

2. *Illi bejn is-soċjetà rikorrenti u s-soċjetà intimata kien jeżisti kuntratt li jirregola r-relazzjoni kummerċjali tagħhom, permezz ta' liema kuntratt is-soċjetà rikorrenti kienet tipprovdi persuni imsejħin kandidati skont l-istess kuntratt, sabiex jaħdmu mas-soċjetà intimata li hija kumpanija li tipprodi* [recte: tipprovdi] *servizz ta' perizja u xogħol ta' proġetti nazzjonali, kuntrat* [recte: kuntratt] *anness u mmarkat Dok A;*

3. *Illi s-soċjetà rikorrenti provdiet kandidata sabiex taħdem fuq xogħolijiet ta' tenders mas-soċjetà intimata;*

4. *Illi mill-ewwel is-soċjetà intimata ndunat li sfat ingannata għax is-soċjetà rikorrenti kienet ipprovditilha kandidata li ma kinitx adatta għax-xogħol li kien qed jiġi provdut mill-istess soċjetà intimata;*

5. *Illi għalhekk is-soċjetà rikorrenti kisret dak provdut fil-kuntratt bejn il-partijiet, b'mod speċifiku klawsola 2.8 skont id-dokument ġia anness u mmarkat Dok A;*

6. *Illi s-soċjetà intimata mill-ewwel ġibdet l-attenzjoni tas-soċjetà rikorrenti fuq l-inadegwatezza tal-kandidata li ġiet assenjata mis-soċjetà rikorrenti iżda minkejja dan, is-soċjetà rikorrenti baqgħet tkaxkar saqajha sabiex tieħu azzjoni u tipprovdi kandidat ieħor skont dak stipulat fil-kuntratt;*

7. *Illi għalhekk, kien biss kawża ta' dan it-tkaxkir tas-saqajn li s-soċjetà rikorrenti ma tterminatx l-impjieg tal-kandidata provduta mill-ewwel;*

8. *Illi għalhekk dawn il-flus mhux dovuti mis-soċjetà intimata;*

9. *Illi s-soċjetà rikorrenti tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet ulterjuri.*

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021;

Semgħet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda mogħtija mir-rappreżentant tagħha George Tabone,[1] jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti tassisti l-klijenti tagħha fir-reklutaġġ ta' impjegati billi tfittex kandidati prospettivi li jkunu jaqblu mal-*job description* li l-istess klijent ikun għaddielha. Xogħolha, filfatt, jibda

[1] Ara x-xhieda tiegħu mogħtija fil-25 ta' Ottubru 2021, a fol. 20 tal-atti proċesswali.

hekk kif il-klijent jiffirma il-kuntratt magħha, msejjaħ "Terms of Business",[2] u hekk kif issib numru ta' kandidati prospettivi, dawn tgħaddihom lill-klijent sabiex ikun jista' jagħmel l-intervisti magħhom. Fl-eventwalità li l-klijent jingaġġa lil xi ħadd minn dawn il-kandidati, hu jinforma lis-soċjetà rikorrenti u din tkun tista' toħroġ il-fattura tagħha, li ġeneralment tkun ikkalkolata bħala perċentwal fuq il-paga tal-kandidat li jkun ġie ngaġġat mill-klijent.

Jirriżulta mix-xhieda tiegħu illi fil-każ *de quo*, is-soċjetà intimata kienet iltaqgħet mas-soċjetà rikorrenti rigward numru ta' postijiet vakanti li potenzjalment kien se jkollha. Filfatt fid-29 ta' Awwissu 2019, is-soċjetà rikorrenti u s-soċjetà konvenuta ffirmaw il-kuntratt ta' bejniethom. Riżultat ta' dan il-kuntratt, fil-15 ta' Settembru 2019 is-soċjetà rikorrenti ressqet kandidata prospettiva, senjatament Joanna Pecorella, lis-soċjetà konvenuta bil-għan li din ta' l-aħħar tagħmillha l-intervista. L-intervista saret u fit-18 ta' Settembru 2019[3] Joanna Pecorella u s-soċjetà konvenuta ffirmaw il-kuntratt ta' impjieg. L-impjieg tagħha beda fl-1 ta' Ottubru 2019.[4]

Tabone żied jgħid li ftit ġimgħat wara l-ingaġġ tagħha Mariello Spiteri kien ċempillu u qallu b'xi tħassib li kellu dwar ċerta aspetti tagħha. Qallu wkoll però li kien kuntent bil-prestazzjoni u l-attitudni tagħha. Xehed li huma ma kkomunikawx aktar dwarha sa Diċembru ta' dik is-sena. F'Diċembru, però, ċemplitlu Joanna Percorella u saqsietu għall-*feedback* għax, skont hi, Mariello Spiteri qalilha li George Tabone kellu jkellimha. Hu spjegalha li ma kellux *feedback* għaliha u jekk kien hemm xi feedback, dan kellu jiġi minn Mariello Spiteri *qua* l-imgħallem tagħha. Sussegwentement, ċempel lil Mariello Spiteri biex jipprova jifhem x'kien qed jiġri u hemmhekk ġie

---

[2] Fil-każ *de quo* ġie ppreżentata bħala "Dok GT1" a fol. 26 tal-atti proċesswali.
[3] Ara l-kuntratt ta' l-impjieg mmarkat bħala dok "AC2" a fol. 47 tal-atti proċesswali.
[4] Ara l-*employment history* mmarkata bħala dok "AC1" a fol. 45 tal-atti proċesswali.

informat li s-soċjetà konvenuta ma kienitx kuntenta bil-prestazzjoni tagħha u li Mariello Spiteri kien qed ikollu jiċċekkja x-xogħol minn warajha. Ġie infurmat ukoll li kienu ser jitterminawlha l-impjieg. Filfatt, l-impjieg tagħha ġie terminat mis-soċjetà konvenuta fil-31 ta' Jannar 2020.

Sadanittant, peress li l-kandidata prospettiva ġiet ingaġġata, is-soċjetà rikorrenti bagħtet il-fattura relattiva għas-servizzi reżi fl-ammont ta' €6,796.80.[5] George Tabone kkonferma li minkejja li l-fattura kellha titħallas entro 30 jum mid-data tagħha, din baqgħet pendenti. Hu ppreżenta sett ta' emails[6] li jixhdu d-diversi reminders li ntbagħtu bejn id-9 ta' Diċembru 2019 u l-21 ta' April 2020. Hu kkonferma li l-fattura għadha pendenti fl-intier tagħha sal-lum-il ġurnata.

Xehdet ukoll Joanna Pecorella li kkonfermat li s-soċjetà rikorrenti kienet avviċinata u qaltilha bil-post vakanti mas-soċjetà konvenuta u organizzatilha intervista mad-direttur Mariello Spiteri. Ikkonfermat li Spiteri kien offrielha l-impjieg u li uffiċjalment bdiet l-impjieg tagħha fl-1 ta' Ottubru 2019. Qalet li f'Jannar 2020 hi tterminat l-impjieg tagħha minħabba l-ambjent li kien hemm fuq il-post tax-xogħol. Qalet li xogħolha kien li tipprepara t-tenders għall-proġetti u li kienet tkun tiddependi minn Mariello Spiteri sabiex itiha d-dettalji bħal prezzijiet u kien iħalli kollox għall-aħħar. Qalet li għalkemm kien igerger b'mod ġeneriku qatt ma speċifika xi nuqqas. Qalet li kien jippretendi li tibqa' fl-uffiċju tard bil-lejl u għax darba, fit-30 ta' Jannar 2020, qaltlu li l-għada ma setgħetx iddum tard filgħaxija, hu uriha li ma ħax gost u l-għada qalilha li se jitterminalha l-impjieg.

Ikkonsidrat;

[5] Fattura numru INV-2430 datata l-1 ta' Ottubru 2019, skont ma jirriżulta mill-prospett datat il-31 ta' Jannar 2021 u mmarkat dok "A" a fol. 2 tal-atti proċesswali.
[6] Ara dok "GT 3" a fol. 31 tal-atti proċesswali.

Illi mil-fatti ppreżentati quddiem il-Qorti jirriżulta illi s-soċjetà rikorrenti kellha rwol ċentrali fit-tlaqqieħ tas-soċjetà konvenuta ma' Joanna Pecorella tant li saħansitra ħadet ħsieb tikkowordina l-intervista tagħha. Jirriżulta wkoll li f'Ottubru 2019 is-soċjetà konvenuta ingaġġat lil Pecorella u li f'Jannar 2020 l-impjieg tagħha ġie terminat.

Illi skont il-klawsola numru 3 tal-kuntratt "Terms of Business" iffirmat bejn il-kontendenti, is-soċjetà konvenuta għandha tħallas il-perċentwal hemm indikat fi żmien tletin jum minn meta kandidat effettivament jibda l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta. Jirriżulta li Joanna Pecorella formalment bdiet l-impjieg tagħha fl-1 ta' Ottubru 2019. Min-naħa l-oħra, il-klawsola numru 4 tal-istess kuntratt tistipola mekkaniżmu fejn jekk l-impjieg jintemm entro 12-il ġimgħa mid-data tal-bidu tiegħu, il-klijent jista' jagħżel li jew (i) is-soċjetà rikorrenti ssib kandidat sostitut jew (ii) tieħu rifużjoni *pro-rata* skont kif hemm indikat u purchè li l-fattura relattiva tkun tħallset entro t-tletin jum indikat fil-klawsola 3 msemmija.

Ikkonsidra;

Illi l-eċċezzjonijiet fil-mertu mogħtija mis-soċjetà rikorrenti jistgħu jiġu miġbura fi tnejn:

(i) is-soċjetà rikorrenti ipprovdietilha kandidata li ma kienitx adatta għax-xogħol mistenni u b'hekk kisret hi stess il-klawsola 2.8 tad-dokument A;

(ii) is-soċjetà konvenuta mal-ewwel informat lis-soċjetà rikorrenti bl-inadegwatezza tal-kandidata u kienet is-soċjetà rikorrenti li kaxkret saqajha sabiex issib sostitut u

kien biss minħabba dan it-tkaxkir tas-saqajn li s-soċjetà konvenuta ma tterminatx l-impjieg qabel.

Illi s-soċjetà konvenuta, minkejja li ressqet dawn l-eċċezzjonijiet ma ressqet ebda prova in sostenn tagħhom. Mill-provi li għandha quddiem il-Qorti, madanakollu, jirriżulta ben ċar li dawn l-eċċezzjonijiet huma kompletament infondati. Filfatt, ir-responsabilità aħħarija għall-ingaġġ ta' kandidat prospettiv huwa dejjem tal-klijent, f'dan il-każ is-soċjetà konvenuta, u mhux tas-soċjetà rikorrenti. Del resto, dan huwa spjegat bi kliem ċar fl-istess klawsola li tirreferi għaliha s-soċjetà konvenuta, ossija l-klawsola numru 2.8 tat-*Terms of Business* iffirmati bejniethom.

Fit-tieni lok, mill-provi prodotti ma jirriżultax illi s-soċjetà konvenuta avallat ruħha mill-mekkaniżmu ta' rifużjoni jew sostituzzjoni provdut fil-klawsola numru 4 tat-"Terms of Business". Din il-klawsola tispeċifika li t-terminazzjoni għandha sseħħ qabel il-perjodu ta' 12-il ġimgħa u mhux sempliċiment informazzjoni li l-kandidata ma kienitx waħda ideona. Effettivament, is-soċjetà konvenuta kellha sal-24 ta' Diċembru 2019[7] sabiex tittermina l-impjieg – ħaġa li ma saritx. Fi kwalunkwe każ, l-istess klawsola tispeċifika li sabiex is-soċjetà konvenuta tkun tista tibbenefika minn dan il-mekkaniżmu, il-fattura relattiva kellha titħallas entro l-pejodu ta' 30 jum kif sopra msemmi.

Illi b'hekk, mill-provi prodotti jirriżulta li l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta ma jistgħux jintlaqgħu.

Ikkonsidrat

Illi fir-rigward tal-imgħax, is-soċjetà rikorrenti titlob li dan jibda jiddekorri mill-1 ta' Ottubru 2019, li tiġi d-data tal-fattura pendenti.

[7] 12-il ġimgħa wara d-data tal-bidu tal-impjieg, ċioè l-1 ta' Ottubru 2019.

Bit-talba tagħha, is-soċjetà rikorrenti qed tibbaża fuq id-dispost tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li *"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita"*

Illi sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi jekk l-imgħax għandux jiddekorri skont l-Artikolu 1141(1) jew skont l-Artikolu 1141(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jeħtieġ li l-Qorti teżamina jekk it-transazzjoni odjerna hijiex waħda ta' natura kummerċjali jew ta' natura purament ċivili.

L-Artikolu 5(e) tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma soċjetajiet kummerċjali għandha titqies li hija att ta' kummerċ. Fil-każ preżenti, il-kontendenti huma soċjetajiet kummerċjali u b'hekk, il-Qorti sejra tapplika d-disposizzjoni tal-Artikolu 1141(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi skont il-klawsola 3.3 tat-*Terms of Business* iffirmati jirriżulta illi fattura għandha tiġi mħallsa entro terminu ta' 30 jum mid-data tagħha. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-ewwel ġurnata li fiha skatta definittivament l-obbligu tal-ħlas kien 30 jum wara d-data tal-fattura, senjatament il-31 ta' Ottubru 2019 u dan stante li s-soċjetà kellha l-għażla li tħallas meta trid entro l-perjodu msemmi ta' 30 jum. B'hekk l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tal-31 ta' Ottubru 2019 u mhux mill-1 ta' Ottubru 2019 kif mitlub mis-soċjetà rikorrenti.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta E.M.D.P. Limited tħallas lis-soċjetà rikorrenti Konnekt Search & Selection Ltd is-somma ta' sitt elef, seba' mija u sitta u disgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€6,796.80) u bl-imgħax legali b'effett mill-31 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kif ukoll tal-ittra uffiċjali numru 1066/2020 maħruġa a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u datata l-11 ta 'Ġunju 2020 jkunu a karigu esklussiv tas-soċjetà konvenuta.

Ft.Dr. Leonard Caruana
**Maġistrat**

Sharonne Borg
**Deputat Reġistratur**